MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Numru. 313/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Debrincat bin Joseph u Elizabeth nee' Fenech, imwieled fis-7 ta' Novembru, 1951 u residenti Sinjorina, Triq l-Imghallem, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 72651(G)**

**Reginald Vella bin Saviour u Maria nee' Vella, imwieled fit-23 ta' Mejju, 1970 u residenti Sunset, Flat 1, Triq San Xmun, Xlendi, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 18370(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Joseph Debrincat u Reginald Vella li gew akkuzati talli nhar it-18 ta’ Frar 2007 ghal habta ta’ 04:30hrs fir-Rabat, Ghawdex:

1. Joseph Debrincat bhala persuna li fuq ismu ghandu l-licenzji tal-Aurora Theatre mahruga mill-Awtorita tat-Turizmu ta’ Malta u Reginald Vella bhala l-persuna responsabbli mit-tmexxija tal-XS Club li jaghmel parti mill-bini tal-Aurora;

2. daqqew jew ippermettew li tindaqq muzika amplifikata b’kull mezz fil-kors jew bhala parti minn attivita kummercjali bejn l-04:00hrs u 09:00hrs;

3. naqsu milli jharsu xi wahda mill-kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet li ghaliha hija soggetta l-licenzja billi daqqew jew ippermettew li tindaqq muzika wara l-04:00hrs;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat

Illi mill-artikolu 38(4) tal-Legal Notice 1/2006 jirrizulta illi bl-ebda mod ma tista’ tindaqq muzika bejn l-4:00a.m. u d-9:00a.m. u senjatament is-subinciz (4b) fejn jinghad illi anke jekk issir applikazzjoni ghal estensjoni dina l-estensjoni ma tistax tittawwal ghal izjed mill-4:00a.m.;

Illi mill-provi rrizulta illi l-muzika ndaqqet wara l-4:00a.m. u ghalhekk l-akkuza tirrizulta ppruvata;

Issa l-licencee Joseph Debrincat qed jikkontendi illi r-responsabbilta’ kienet tas-substitute illicenzjat u cioe’ ta’ l-imputat l-iehor Reginald Vella li lilu huwa mikri l-post. Huwa ma kienx prezenti u lanqas jiggestixxi l-lokal;

Illi ghalkemm il-Qorti hija tal-fehma il-licencee kien fl-impossibilita’ li jissorvelja dak li kien qieghed jigri u dana peress illi t-tmexxija tal-post m’ghadhiex f’idejh izda f’idejn

is-substitute li huwa fid-dmir josserva l-kundizzjonijiet kollha tal-licenza u ma jiksirhomx bl-ebda mod;

Madanakollu, u kif esprimiet il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza taghha tat-2 ta’ April 2007 fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Jonathan Xuereb”, minhabba li Debrincat huwa l-persuna li fuqha harget il-licenzja huwa jibqa’ l-persuna principalment responsabbli ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet kollha li jmorru mal-licenzja;

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 43(1b) tal-Kap 409 u l-Legal Notice 1/2006 Reg 38(4) issibhom hatja u tikkundannahom kull wiehed multa ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------